

**Emenda 21**

**Pedro Marques, Sven Mikser**  
f'isem il-Grupp S&D

**Rapport**

**A9-0403/2023**

**Sven Mikser**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023  
(2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Kunsiderazzjoni 14a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

– *wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14 u tal-15 ta' Diċembru 2023 dwar id-deċiżjoni li jinfetħu negozjati għall-adeżjoni mal-Ukrajna u mar-Repubblika tal-Moldova, li jinfetħu negozjati għall-adeżjoni mal-Bożnija-Herzegovina ladarba jintlaħaq il-livell meħtieġ ta' konformità mal-kriterji ta' sħubija, u l-ġhoti ta' status ta' kandidat lill-Georgia bil-fehim li l-passi rilevanti stabbiliti fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2023 ttieħdu,*

Or. en

21.2.2024

A9-0403/22

**Emenda 22**

**Pedro Marques, Sven Mikser**  
f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**

**A9-0403/2023**

**Sven Mikser**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni - rapport annwali 2023  
(2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Kunsiderazzjoni 14b (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

– *wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tas-16 ta' Frar 2024 dwar l-operazzjoni militari ppjanata tal-Iżrael f'Rafah,*

Or. en

**Emenda 23**

**Pedro Marques, Sven Mikser**  
f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**  
**Sven Mikser****A9-0403/2023**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni - rapport annwali 2023  
(2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa I***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

I. billi fl-2023, il-Parlament u l-Kunsill ikkonkludew ftehimiet dwar l-industrija Ewropea tad-difiża permezz ta' att komuni ta' akkwist (EDIRPA) u l-Att b' Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP), li għandhom l-għan li jħeġġu l-akkwist konġunt ta' prodotti tad-difiża, iżidu l-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija Ewropea tad-difiża, jimlew mill-ġdid l-istokkijiet imnaqqsa u jnaqqsu l-frammentazzjoni fis-settur tal-akkwist tad-difiża; billi huma meħtieġa inizjattivi ulterjuri biex tiġi stabbilita integrazzjoni Ewropea tad-difiża ġenwina, inkluż Programm Ewropew għall-Investment fil-Qasam tad-Difiża (EDIP);

I. billi fl-2023, il-Parlament u l-Kunsill ikkonkludew ftehimiet dwar l-industrija Ewropea tad-difiża permezz ta' att komuni ta' akkwist (EDIRPA) u l-Att b' Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP), li għandhom l-għan li jħeġġu l-akkwist konġunt ta' prodotti tad-difiża, iżidu l-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija Ewropea tad-difiża, jimlew mill-ġdid l-istokkijiet imnaqqsa u jnaqqsu l-frammentazzjoni fis-settur tal-akkwist tad-difiża; billi huma meħtieġa inizjattivi ulterjuri biex tiġi stabbilita integrazzjoni Ewropea tad-difiża ġenwina, inkluż Programm Ewropew għall-Investment fil-Qasam tad-Difiża (EDIP) ***u strateġija industrijali tad-difiża Ewropea;***

Or. en

**Emenda 24****Pedro Marques, Sven Mikser**

f' isem il-Grupp S&amp;D

**Rapport****A9-0403/2023****Sven Mikser**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni - rapport annwali 2023 (2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Premessa L***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

L. billi l-attakki terroristiċi mill-Hamas kontra Iżrael enfasizzaw is-sitwazzjoni ta' sigurtà volatili u dinamika fil-Lvant Nofsani u l-ħtieġa li l-UE u atturi internazzjonali oħra jassumu responsabbiltà akbar u jassistu lill-gvernijiet u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tar-reġjun biex jilhq u paċi deġġiema u sostenibbli, b' mod partikolari billi jkomplu jappoġġjaw soluzzjoni ta' żewġ Stati bejn Iżrael u l-Palestina;

L. billi l-attakki terroristiċi mill-Hamas kontra Iżrael enfasizzaw is-sitwazzjoni ta' sigurtà volatili u dinamika fil-Lvant Nofsani u l-ħtieġa li l-UE u atturi internazzjonali oħra jassumu responsabbiltà akbar u jassistu lill-gvernijiet u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tar-reġjun biex jilhq u paċi deġġiema u sostenibbli, b' mod partikolari billi jkomplu jappoġġjaw soluzzjoni ta' żewġ Stati bejn Iżrael u l-Palestina; **billi fis-7 ta' Ottubru 2023, inqatlu 1 139 ċittadin Iżraeljan u barrani u 240 persuna ttieħdu ostaġġi matul l-attakk terroristiku ta' min jistmerru mill-Hamas; billi għexieren ta' eluf ta' Palestinjani innoċenti u mijiet ta' persunal tan-NU, persunal mediku u ġurnalisti nqatlu fl-Istrixxa ta' Gaża b'riżultat tar-rispons tal-Gvern Iżraeljan; billi l-bumbardament kontinwu u l-evakwazzjoni furzata tal-Palestinjani lejn in-Nofsinhar tal-Istrixxa ta' Gaża ħolqu sitwazzjoni umanitarja mwieġħra u li qed tiddeterjora malajr; billi l-attakki mill-forzi Iżraeljani u mill-abitanti ta' insedjamenti qatlu mill-inqas 330 Palestinjan fix-Xatt tal-Punent mis-7 ta' Ottubru 2023; billi l-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, fid-deċiżjoni interim tagħha, ordnat lill-Iżrael jimplimenta miżuri proviżorji fil-każ li jikkonċerna l-Applikazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-**

*Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju fl-Istrixxa  
ta' Gaża (l-Afrika t'Isfel vs l-Iżrael);*

Or. en

21.2.2024

A9-0403/25

**Emenda 25**

**Pedro Marques, Sven Mikser**  
f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**

**A9-0403/2023**

**Sven Mikser**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni - rapport annwali 2023  
(2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa La (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***La. billi l-attakki li għaddejjin fil-Baħar l-Aħmar skjerati miż-żoni kkontrollati mill-Houthie tal-Jemen, bl-appoġġ tal-Iran, joħolqu theddida sinifikanti għal-libertà tan-navigazzjoni, is-sigurtà marittima u l-kummerċ internazzjonali; billi attakki addizzjonali minn diversi milizzji appoġġjati mill-Iran fl-Iraq u fis-Sirja qed ikomplu jżidu r-riskju ta' eskalazzjoni reġjonali; billi r-riskju ta' eskalazzjoni fir-reġjun huwa l-ogħla wieħed f'għexieren ta' snin;***

Or. en

**Emenda 26**

**Pedro Marques, Sven Mikser**  
f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**

**A9-0403/2023**

**Sven Mikser**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni - rapport annwali 2023  
(2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa T**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

T. billi l-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-UE b' appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM) uriet l-impatt pożittiv li l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK għandhom bir-riżorsi u l-kontribuzzjonijiet meħtieġa mill-Istati Membri; billi l-EUMAM diġà laħqet il-mira ta' 30 000 suldat Ukreni mħarrġa; billi, abbażi tar-riżultati u x-xejriet attwali, il-EUMAM lesta li tħarreġ aktar persunal militari tal-Ukrajna biex tilħaq il-mira ta' **40 000** suldat; billi l-missjoni lesta wkoll li tintegra t-taħriġ bl-ajru u marittimu kif xieraq u tirreaġixxi għal kwalunkwe talba urġenti oħra ta' taħriġ fl-Ukrajna;

T. billi l-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-UE b' appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM) uriet l-impatt pożittiv li l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK għandhom bir-riżorsi u l-kontribuzzjonijiet meħtieġa mill-Istati Membri; billi l-EUMAM diġà laħqet il-mira ta' 30 000 suldat Ukreni mħarrġa; billi, abbażi tar-riżultati u x-xejriet attwali, il-EUMAM lesta li tħarreġ aktar persunal militari tal-Ukrajna biex tilħaq il-mira ta' **60 000** suldat; billi l-missjoni lesta wkoll li tintegra t-taħriġ bl-ajru u marittimu kif xieraq u tirreaġixxi għal kwalunkwe talba urġenti oħra ta' taħriġ fl-Ukrajna;

Or. en

**Emenda 27****Pedro Marques, Sven Mikser**

f' isem il-Grupp S&amp;D

**Rapport****Sven Mikser**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni - rapport annwali 2023 (2023/2119(INI))

A9-0403/2023

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 3***Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

3. Jikkundanna, bl-aktar mod qawwi possibbli, l-attakki terroristiċi ta' **stmerrija mwettqa** mill-grupp terroristiku Hamas kontra **Iżrael**, inkluż **it-teħid ta' ostaġġi, u** jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-Istat ta' **Iżrael u lill-poplu tiegħu**; jappella għall-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-ostaġġi kollha li ttieħdu mill-grupp terroristiku Hamas u li l-iġsma tal-ostaġġi mejta jingħataw lura; jenfasizza d-dritt ta' Iżrael li jiddefendi lilu nnifsu f'konformità mad-dritt internazzjonali u d-dritt umanitarju internazzjonali. **jappella għal aċċess umanitarju kontinwu, malajr, sikur u mingħajr xkiel u biex l-għajnuna tasal għand dawk** fil-bżonn permezz tal-miżuri kollha meħtieġa inkluż **kurituri u pawżi umanitarji għal ħtiġijiet umanitarji**; jesprimi s-sogħba profonda tiegħu u solidarjetà sħiħa mal-vittmi innoċenti fuq iż-żewġ naħat, mal-familji tagħhom u mal-għeżież tagħhom; jappella biex dawk responsabbli għal atti terroristiċi u għall-ksur tad-dritt internazzjonali jinżammu responsabbli;

*Emenda*

3. jikkundanna **mill-ġdid, u** bl-aktar mod qawwi possibbli, l-attakki terroristiċi ta' **min jistmerhom imwettqa** mill-grupp terroristiku Hamas kontra **I-Iżrael**, inkluż **il-ħtif tal-ostaġġi**; jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-Istat **tal-Iżrael u l-poplu tiegħu, u għaċ-ċivili Palestinjani fl-Istrixxa ta' Gaża u fix-Xatt tal-Punent**; jappella għall-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-ostaġġi kollha li ttieħdu mill-grupp terroristiku Hamas u li l-iġsma tal-ostaġġi mejta jingħataw lura; jenfasizza d-dritt ta' Iżrael li jiddefendi lilu nnifsu f'konformità mad-dritt internazzjonali u d-dritt umanitarju internazzjonali. **jisħaq li l-partijiet kollha jeħtieġ jiddistingwu, f'kull ħin, bejn il-persuni kumbattenti u l-persuni ċivili u li l-partijiet jistgħu jattakkaw biss lill-persuni kumbattenti u l-miri militari; jitlob b'urġenza l-waqfien immedjat u permanenti u aċċess umanitarju kontinwu, rapidu, sikur u mingħajr xkiel lill-persuni** fil-bżonn permezz tal-miżuri kollha meħtieġa inkluż **il-kurituri umanitarji, fid-dawl tal-livelli katastrofiċi ta' insigurtà tal-ikel, ir-riskju ta' karestija u t-tixrid tal-mard; jinsab imħasseb ħafna dwar l-għadd ta' vittmi ċivili fl-Istrixxa ta' Gaża, minħabba r-rispons militari sproporzjonat tal-Iżrael; jitlob lill-Gvern Iżraeljan ma jiħux azzjoni militari f'Rafah, li tkun taggrava s-sitwazzjoni umanitarja diġà katastrofika u**



***timpedixxi l-għoti ta' servizzi bażiċi u ta' assistenza umanitarja li tant hemm bżonnhom b'urġenza; jesprimi s-sogħba profonda tiegħu u solidarjetà sħiħa mal-vittmi innoċenti fuq iż-żewġ naħat, mal-familji tagħhom u mal-għeżież tagħhom; jappella biex daww responsabbli għal atti terroristiċi u għall-ksur tad-dritt internazzjonali jinżammu responsabbli; jappella għal investigazzjoni bir-reqqa tar-rwol tal-pajjiżi terzi, inkluż l-Iran u l-Qatar, u l-entitajiet mhux stati fl-għoti ta' appoġġ finanzjarju, materjali u operattiv lill-Hamas;***

Or. en

21.2.2024

A9-0403/28

**Emenda 28**

**Pedro Marques, Sven Mikser**  
f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**

**A9-0403/2023**

**Sven Mikser**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni - rapport annwali 2023  
(2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 3a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**3a. Jikkundanna bil-qawwa l-attakki li għaddejnin fuq l-attivitajiet marittimi fil-Baħar l-Aħmar skjerati minn territorji kkontrollati mill-Houthie fil-Jemen, bl-appoġġ tal-Iran; jilqa' d-deċiżjoni tal-Istati Membri li jniedu operazzjoni marittima tal-PSDK, taħt l-isem ASPIDES, biex jiproteġu l-bastimenti merkantili, billi jsaħħu l-għarfien tas-sitwazzjoni marittima u l-bastimenti li jakkumpanjawhom biex jiskoraġġixxu l-attakki; jikkundanna wkoll l-attakki minn gruppi militari appoġġati mill-Iran mill-Libanu, mis-Sirja u mill-Iraq;**

Or. en

**Emenda 29**

**Pedro Marques, Sven Mikser**  
f' isem il-Grupp S&D

**Rapport****A9-0403/2023****Sven Mikser**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni - rapport annwali 2023  
(2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 6***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

6. Jilqa', **f'dan ir-rigward, il-proposta** tal-VP/RGħ Borrell, li tibni fuq is-sejħa preċedenti tal-Parlament, għall-ħolqien ta' fond ta' assistenza ta' EUR 20 biljun fl-EPF, iddedikat biex jappoġġja lill-forzi armati tal-Ukrajna b'massimu ta' EUR 5 biljun fis-sena bejn l-2023 u l-2027, **u jistieden lill-Istati Membri japprovawh malajr**; jikkundanna bil-qawwa l-isforzi li saru mill-Ungerija biex twaqqaf it-tentattivi reċenti li jiżdied l-EPF u l-proposta tal-VP/RGħ għall-fond ta' assistenza speċjali għall-Ukrajna; jenfasizza li l-kunsinni kollha ta' assistenza militari u armi mill-EPF iridu jikkonformaw bis-sħiħ mal-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar l-esportazzjonijiet tal-armi, il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju, u jridu jipprovdu trasparenza u obbligu ta' rendikont adegwati;

6. Jilqa' **l-proposta inizjali** tal-VP/RGħ Borrell, li tibni fuq is-sejħa preċedenti tal-Parlament, għall-ħolqien ta' fond ta' assistenza ta' EUR 20 biljun fl-EPF, iddedikat biex jappoġġja lill-forzi armati tal-Ukrajna b'massimu ta' EUR 5 biljun fis-sena bejn l-2023 u l-2027; **jiddispjaċih li l-Istati Membri baxxew din l-ambizzjoni għal żieda ta' EUR 5 biljun u jħeġġiġhom jilħqu ftehim rapidu f'dan ir-rigward**; jikkundanna bil-qawwa l-isforzi li saru mill-Ungerija biex twaqqaf it-tentattivi reċenti li jiżdied l-EPF u l-proposta tal-VP/RGħ għall-fond ta' assistenza speċjali għall-Ukrajna; jenfasizza li l-kunsinni kollha ta' assistenza militari u armi mill-EPF iridu jikkonformaw bis-sħiħ mal-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar l-esportazzjonijiet tal-armi, il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju, u jridu jipprovdu trasparenza u obbligu ta' rendikont adegwati;

Or. en

**Emenda 30****Pedro Marques, Sven Mikser**

f' isem il-Grupp S&amp;D

**Rapport****A9-0403/2023****Sven Mikser**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni - rapport annwali 2023 (2023/2119(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 8***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

8. Jilqa' b' sodisfazzjon il-kapaċità tal-EUMAM Ukraine li tindirizza l-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-Ukrajna b' mod flessibbli; jistenna li ġġib valur miżjud billi tespandi l-offerti ta' taħriġ u li tkun sinkronizzata ma' inizjattivi oħra ta' taħriġ li diġà jkunu għaddejnin; jisħaq fuq l-adattament ta' moduli ta' taħriġ għat-tagħlimiet meħuda sabiex jikkorrispondu b' mod adegwat għall-ħtiġijiet tal-forzi tal-Ukrajna; jifraħ lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Istati Membri **għat-taħriġ ta' suċċess previst li se jinvolvi sa** 30 000 truppa qabel tmiem l-2023; jilqa' l-proposta tal-VP/RGħ ta' mira **aktar ambizzjuża li sal-aħħar 2023** jitħarrġu **40 000** suldat **Ukreni**; jisħaq fuq l-importanza li l-moduli ta' taħriġ jiġu aġġustati u rieżaminati fuq bażi kontinwa abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-kamp tal-battalja, kif ukoll ta' enfasi sostnuta fuq l-indirizzar tal-isfidi attwali u futuri, inkluż il-ġlieda kontra l-vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAV), it-taħriġ tas-sistema UAV, id-difiża tal-ajru, l-identifikazzjoni ta' mini, taħriġ ta' armi kombinati u speċjalizzati u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-uffiċjali attwali u futuri tal-forzi armati tal-Ukrajna fil-livelli kollha u f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom; jilqa', barra minn hekk, il-konklużjoni malajr tad-deliberazzjonijiet u l-parteċipazzjoni b'saħħitha mill-Istati Membri fit-tnedija

8. Jilqa' b' sodisfazzjon il-kapaċità tal-EUMAM Ukraine li tindirizza l-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-Ukrajna b' mod flessibbli; jistenna li ġġib valur miżjud billi tespandi l-offerti ta' taħriġ u li tkun sinkronizzata ma' inizjattivi oħra ta' taħriġ li diġà jkunu għaddejnin; jisħaq fuq l-adattament ta' moduli ta' taħriġ għat-tagħlimiet meħuda sabiex jikkorrispondu b' mod adegwat għall-ħtiġijiet tal-forzi tal-Ukrajna; jifraħ lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Istati Membri **talli rnexxielhom iħarrġu lil aktar minn** 30 000 truppa qabel tmiem l-2023; jilqa' l-proposta tal-VP/RGħ ta' mira **akbar li fl-2024** jitħarrġu **60 000** suldat **Ukren**; jisħaq fuq l-importanza li l-moduli ta' taħriġ jiġu aġġustati u rieżaminati fuq bażi kontinwa abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-kamp tal-battalja, kif ukoll ta' enfasi sostnuta fuq l-indirizzar tal-isfidi attwali u futuri, inkluż il-ġlieda kontra l-vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAV), it-taħriġ tas-sistema UAV, id-difiża tal-ajru, l-identifikazzjoni ta' mini, taħriġ ta' armi kombinati u speċjalizzati u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-uffiċjali attwali u futuri tal-forzi armati tal-Ukrajna fil-livelli kollha u f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom; jilqa', barra minn hekk, il-konklużjoni malajr tad-deliberazzjonijiet u l-parteċipazzjoni b'saħħitha mill-Istati Membri fit-tnedija tal-EUMAM Ukraine, li jistgħu jiġu

tal-EUMAM Ukraine, li jistgħu jiġu deskritti bħala mudell għal missjonijiet ta' taħriġ militari futuri, u jistedinhom juru ambizzjoni u kontributi simili għal missjonijiet u operazzjonijiet oħra attwali u futuri tal-PSDK;

deskritti bħala mudell għal missjonijiet ta' taħriġ militari futuri, u jistedinhom juru ambizzjoni u kontributi simili għal missjonijiet u operazzjonijiet oħra attwali u futuri tal-PSDK;

Or. en